MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2013

Numru. 93/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Charlot Falzon**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Charlot Falzon, ta' 30 sena, iben George u Rosaria nee` Bondin, imwieled Pieta` nhar il-11 ta' Lujlu 1981, u joqghod Amour, Triq il-Kitba, Fgura u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 373481(M):

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fit-2 ta' Novembru 2011 u zmien qabel din id-data:

1) Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

2) B'hekk kiser il-provvedimenti tal-Qrati moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) ta' nhar l-4 ta' Ottubru 2011 mill-Magistrat Dr. Edwina Grima LL.D. u ta' nhar id-19 ta' Ottubru 2009 mill-Magistrat Dr. L. Quintano LL.D.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2013, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba u jerga' lura minnha;

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-istess imputat hati tal-imputazzjonijiet kif migjba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena, il-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni min-naha l-wahda l-ammissjoni bikrija tal-imputat u min-naha l-ohra l-fedina penali tieghu li saz-zmien tar-reat odjern, tinkludi erba' kundanni ohra rigwardanti pussess semplici ta' droga eroina u/jew kokaina. F'okkazzjoni wahda li tirrisali ghas-sena 2001, l-imputat inghata Ordni ta' *Probation*, fil-waqt illi fit-tliet okkazzjonijiet l-ohrajn huwa nghata liberazzjoni kundizzjonata.

Il-Qorti qed tqis ukoll illi waqt it-trattazzjoni taghhom dwar il-piena, kemm id-difiza kif ukoll il-prosekuzzjoni ssottomettew illi l-imputat ghandu bzonn l-ghajnuna sabiex jirriabilita ruhu mill-vizzju tad-droga – vizzju li l-imputat ilu ghaddej bih ghal zmien konsiderevoli.

Fic-cirkostanzi, il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 23(1)(a) u (2) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, ser tittratta mal-imputat fir-rigward tar-reati ta' pussess semplici tad-droga eroina li dwarhom instab hati u nghata liberazzjoni kundizzjonata ghal zmien sena permezz tas-sentenza fuq imsemmija datata 19 ta' Ottubru 2009 u liberazzjoni kundizzjonata ohra ghal zmien tmintax-il xahar, permezz tas-sentenza fuq imsemmija datata 4 ta' Ottubru 2011. Fl-istess hin, il-Qorti ser taghti opportunita` ohra lill-imputat bit-tama li jirriabilita ruhu mill-vizzju tad-droga.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 23(1)(a) u (2) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Legizlazzjoni Sussidjarja 101.02, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, b'applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda tqieghed lill-imputat taht Ordni ta' *Probation*

ghal zmien tlett (3) snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-Ordni ta' *Probation* hawn anness, li ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza. Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, qed tittratta mal-imputat billi tikkundannah ghal piena ta' multa ta' elf Euro (€1000) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Euro (€100), bl-ewwel pagament isir mhux izjed tard minn xahar mid-data ta' din is-sentenza. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut miinnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull €35 jew parti minnhom dovuti.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' *Probation* jew jekk jonqos illi jsegwi xi wahda mill-ordnijiet stipulati fl-Ordni tal-*Probation*, u l-hati esprima r-rieda tieghu li jikkonforma mal-htigijiet ta' din l-Ordni.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation.*

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------